42007D0007

DEĊIŻJONI TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIETTA' L-ISTATI MEMBRI TA' L-UNJONI EWROPEA

ta' l-1 ta' Jannar 2007

li tinnomina imħallfin fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej

(2007/7/KE, Euratom)

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TA' L-ISTATI MEMBRI TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 223 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 139 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att dwar il-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea u l-adattamenti tat-Trattati li fuqhom hija bbażata l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 46(1) u (2), it-tieni subparagrafu, tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 46(1) u (2), it-tieni subparagrafu, ta' l-Att ta' Adeżjoni msemmi hawn fuq jipprevedi n-nomina ta' żewġ imħallfin fil-Qorti tal-Ġustizzja. Il-mandat ta' wieħed minn dawn l-imħallfin għandu jiskadi fis-6 ta' Ottubru 2009. Dan l-imħallef għandu jintgħażel fuq bażi każwali. Il-mandat ta' l-imħallef l-ieħor għandu jiskadi fis-6 ta' Ottubru 2012.

(2) Huwa meħtieġ għalhekk, konformement ma' l-Artikolu msemmi u wara li tkun saret l-għażla fuq bażi każwali prevista fih, li jiġu nominati żewġ imħallfin supplimentari fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Is-Sinjura Camelia Toader hija b'dan nominata imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2007 u s-6 ta' Ottubru 2009.

Artikolu 2

Is-Sur Alexander Arabedjiev huwa b'dan nominat imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2007 u s-6 ta' Ottubru 2012.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tibda jkollha effett mill-1 ta' Jannar 2007.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, nhar l-1 ta' Jannar 2007.

Il-President
W. SCHONFELDER